

Brussell, 26 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11011/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0186 (NLE)**

**JAI 872
FRONT 123
ASILE 60
MIGR 176
COEST 503
SOC 425**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 345 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li testendi l-protezzjoni temporanja, kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, sal-4 ta' Marzu 2028

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 345 final.

Mehmuż: COM(2026) 345 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2026
COM(2026) 345 final

2026/0186 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li testendi l-protezzjoni temporanja, kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni
(UE) 2022/382, sal-4 ta' Marzu 2028**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2022/382¹ u attiva d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 (id-“Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja”)² għal ċerti kategoriji³ ta' persuni spostati fl-24 ta' Frar 2022 jew wara, bħala riżultat tal-invażjoni militari tal-Ukrajna mill-forzi armati Russi li bdiet f'dik id-data. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, it-tul inizjali tal-protezzjoni temporanja huwa ta' sena, li jista' jiġi estiż awtomatikament b'perjodi ta' sitt xhur għal massimu ta' sena. Il-protezzjoni temporanja ġiet estiża awtomatikament b'sena, sal-4 ta' Marzu 2024.

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, fejn jippersistu raġunijiet għal protezzjoni temporanja, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendi l-protezzjoni temporanja sa sena, b'maġġoranza kwalifikata u fuq proposta mill-Kummissjoni, li għandha teżamina wkoll kwalunkwe talba minn Stat Membru li jippreżenta proposta lill-Kunsill. Il-protezzjoni temporanja ġiet estiża b'perjodi ulterjuri ta' sena kull wieħed, l-ewwel sal-4 ta' Marzu 2025⁴ imbagħad sal-4 ta' Marzu 2026⁵ u aktar tard sal-4 ta' Marzu 2027⁶.

Din il-proposta għandha żewġ objettivi. L-ewwel nett, li testendi aktar b'perjodu ta' sena l-protezzjoni temporanja kif introdotta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382. Dan se jkollu l-effett li jkompli l-protezzjoni temporanja fir-rigward tal-kategoriji ta' persuni identifikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382, għall-perjodu mill-5 ta' Marzu 2027 sal-4 ta' Marzu 2028. It-tieni, il-proposta għandha l-għan li tirrikonċilja l-protezzjoni temporanja mal-kapaċità ġenerali tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra illegali ta' aggressjoni Russa. Għalhekk huwa propost li l-protezzjoni temporanja ma għandhiex tingħata bħala regola lil persuni li jitolqu mill-Ukrajna mid-data tad-dħul fis-seħħ

¹ ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.

² ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn.

³ L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2022/382 jipprevedi li l-protezzjoni temporanja tapplika għal (a) nazzjonali Ukreni residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022; (b) persuni apolidi, u nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr l-Ukrajna, li bbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali jew protezzjoni nazzjonali ekwivalenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022; u, (c) membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-punti (a) u (b). L-Istati Membri għandhom japplikaw jew din id-Deċiżjoni jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali tagħhom, fir-rigward ta' persuni apolidi, u nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr l-Ukrajna, li jistgħu jippruvaw li kienu legalment residenti fl-Ukrajna qabel l-24 ta' Frar 2022 abbażi ta' permess ta' residenza permanenti validu maħruġ skont il-liġi tal-Ukrajna, u li ma jistgħux jirritornaw f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2409 tad-19 ta' Ottubru 2023 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (europa.eu).

⁵ [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni \(UE\) 2022/382 \(europa.eu\).](#)

⁶ [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2025/1460 tal-15 ta' Lulju 2025 li testendi l-protezzjoni temporanja introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni \(UE\) 2022/382 \(europa.eu\).](#)

ta' din id-Deċiżjoni u li ma jistgħux juru li huma awtorizzati mill-awtoritajiet Ukreni biex jitolqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom.

Is-sitwazzjoni li wasslet għall-attivazzjoni tal-protezzjoni temporanja tippersisti u għalhekk hija meħtieġa estensjoni ulterjuri.

Minn April 2026, kważi 4,4 miljun persuna spostati mill-Ukrajna⁷, li 58 % minnhom huma nisa, igawdu minn protezzjoni temporanja fl-UE⁸. Minn perspettiva ta' età, kważi 30 % tal-grupp totali huma minorenni (kemm nisa kif ukoll irġiel). L-għadd ta' beneficijarji ta' protezzjoni temporanja fl-Istati Membri tal-UE baqa' stabbli għal madwar 4,3 miljun, b'xejra kemxejn 'il fuq (minn 4,21 miljun f'April 2024 għal 4,26 miljun f'Marzu 2025 għal 4,37 miljun f'April 2026). Il-Ġermanja, il-Polonja u ċ-Ċekja jibqgħu l-Istati Membri li jospitaw l-ogħla għadd ta' beneficijarji ta' protezzjoni temporanja (kważi 1,28 miljun fil-Ġermanja, madwar 970 000 fil-Polonja, u aktar minn 380 000 fiċ-Ċekja). Mill-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, l-Istati Membri għamlu sforzi sinifikanti biex jappoġġaw lill-persuni spostati mill-Ukrajna, biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet ospitanti, inkluż fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u fis-suq tax-xogħol. Huma komplew ukoll l-isforzi biex iżidu l-kapaċità ta' akkoljenza u l-ippjanar ta' kontinġenza. Ir-rispons tal-UE għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għadu kkaratterizzat minn komponent qawwi ta' solidarjetà, l-ewwel nett lejn l-Ukrajna u l-poplu tagħha, kif muri mill-isforzi tal-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom li jospitaw persuni spostati, u t-tieni bejn l-Istati Membri.

Minbarra li tipprovd lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja aċċess għal sett ta' drittijiet armonizzati, l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tkompli ttaffi r-riskju li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jipproċessaw l-influss mingħajr effetti negattivi għall-operat effiċjenti tagħhom. Bejn Frar 2022 u Marzu 2026, 94 390 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali (meta mqabbla ma' 75 850 bejn Frar 2022 u Marzu 2025) ġew ippreżentati minn ċittadini Ukreni fl-UE. Bejn Jannar u Marzu 2026, l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati minn ċittadini Ukreni żdiedu b'57 % meta mqabbla mal-perjodu bejn Jannar u Marzu 2025, bi Franza u l-Polonja jikklassifikaw l-ewwel u t-tieni, rispettivament, bħala l-pajjiżi riċeventi ewlenin ta' dawn l-applikazzjonijiet. Madankollu, in-numri ġenerali limitati jkomplu juru li l-protezzjoni temporanja laqget l-għan tagħha, inkluż il-prevenzjoni li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija żżejjed.

Skont l-istħarriġ tal-intenzjonijiet tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) ta' Lulju 2025⁹, il-proporzjon ta' persuni spostati li qed jippjanaw jew li qed jittamaw li jirritornaw lejn l-Ukrajna fil-futur qed jonqos meta mqabbel ma' 6 xhur ilu (minn 65 % fil-perjodu Jannar-Frar 2024 għal 61 % fil-perjodu Lulju-Awwissu 2024), filwaqt li s-sehem ta' dawk li mhumex deċiżi dwar ir-ritorn żdied (24 % għal 27 %), kif ukoll dawk li jirrapportaw li ma għandhom ebda tama li jirritornaw (11 % għal 12 %). L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) irrapportat¹⁰ maġġoranza kbira ta' persuni li stħarrġet (70 %) li beħsiebhom jirritornaw lejn l-Ukrajna meta u jekk issir sikura.

⁷ Aktar minn 4,54 miljun, inklużi l-Istati Membri tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera.

⁸ Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, iċ-ċifri kollha dwar il-protezzjoni temporanja u internazzjonali jinkisbu mill-Eurostat (Bażi tad-data - Eurostat).

⁹ [Policy brief Forecasting Refugee Return to Ukraine amid ongoing war and uncertainty.](#)

¹⁰ Ukraine Regional Response: Needs, Intentions, and Border Crossings | Displacement Tracking Matrix

Barra minn hekk, skont l-istħarriġ¹¹ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), madwar wieħed minn kull ħamsa kien determinat li ma jirritornax lejn l-Ukrajna, filwaqt li 22 % kienu qed ixaqilbu lejn li ma jirritornawx u 31 % kienu inċerti. B'kuntrast ma' dan, 14 % biss ta' daww li wiegħbu fl-2025 kienu determinati li jirritornaw u 13 % kienu jxaqilbu lejn ir-ritorn. Il-proporzjon ta' daww determinati li ma jirritornawx żdied b'mod stabbli maż-żmien minn 5 % għal 12 % u aktar tard għal 20 %. Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' daww li jxaqilbu lejn li ma jirritornawx żdied minn 12 % għal 15 % u aktar tard għal 22 %.

Dawn l-istħarriġiet jikkonfermaw li l-maġġoranza tal-persuni spostati mill-Ukrajna jqisu li għadhom ma jistgħux jirritornaw lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u deġġiem.

Fl-Ukrajna, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja qed tkompli mingħajr waqfien. Ir-Russja tippersisti bl-attakki intenzjonati u sistematiċi tagħha fuq l-infrastruttura ċivili u ż-żoni popolati. Skont il-Missjoni ta' Monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Ukrajna, l-għadd ta' vittmi ċivili f'Mejju 2026 żdied b'93 % meta mqabbel mal-istess xahar fl-2025. Dan jirrappreżenta eskalazzjoni sinifikanti u jenfasizza l-impatt sostnut tal-gwerra fuq iċ-ċivili.

Attakki imprevedibbli mill-ajru u bid-droni mill-forzi Russi għadhom ta' theddida serja mal-pajjiż kollu, u jilhqqu reġjuni ferm lil hinn mil-linji tal-front. Dawn l-attakki jenfasizzaw l-ambitu ġeografiku wiesa' u n-natura indiskriminata tal-aggressjoni li għaddejja. L-attakki tal-arja xekklu serjament l-aċċess għal provvista affidabbli tal-elettriku, tat-tisħin u tal-ilma, u miljuni ta' persuni ġew affettwati minn qtugħ ripetut tal-enerġija fit-tul lejn l-aħħar tal-2025.

F'Diċembru 2025, l-IOM tat stima ta' 3 712 000 miljun persuna spostata internament (IDPs)¹² fl-Ukrajna. Tliet kwarti (71 %) tal-IDPs ilhom spostati aktar minn sentejn, u 82 % ilhom spostati aktar minn sena. Is-sehem tal-IDPs li ilhom spostati aktar minn sentejn kien l-ogħla fost l-IDPs li kienu residenti fil-Punent tal-pajjiż. Skont l-informazzjoni pprovduta fil-ħames rapport ta' Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet (RDNA5)¹³, 4 618 666 persuna ġew irreġistrati uffiċjalment bħala persuni spostati internament mill-Ministeru tal-Politika Soċjali f'Diċembru 2025. Il-faqar ġie rrapportat li kompli jżdied fl-2025. L-impatti tal-gwerra għadhom irregolari, bl-akbar effetti jħossuhom in-nisa, inkluż fuq l-impjiegi u l-ħtiġijiet kritiċi tal-unitajiet domestiċi, il-persuni b'diżabilità, it-tfal u ż-żgħażaġh, l-IDPs, u l-persuni akbar fl-età. Aktar minn 15 000 persuna nqatlu, aktar minn 40 600 sfaw midruba, u miljuni tilfu djarhom.

L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) jagħti stima li f'Jannar 2026 kważi 10,8 miljun persuna fil-pajjiż kienu jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti fl-Ukrajna¹⁴.

Is-sitwazzjoni volatili, flimkien mas-sitwazzjoni umanitarja diffiċli fl-Ukrajna, tista' twassal ukoll għal wasliet ulterjuri fuq skala kbira fl-Unjoni li jirriżultaw fil-ħtieġa li tingħata protezzjoni lil għadd addizzjonali ta' persuni spostati.

L-inċertezza u l-volatilità attwali tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ma jippermettux it-terminazzjoni tal-protezzjoni temporanja għall-benefiċjarji attwalment preżenti fl-Istati Membri tal-UE u għal daww li jistgħu jkunu għadhom fil-bżonn. Dawn il-persuni jeħtieġ li jkomplu jiġu protetti fl-Unjoni. Bl-istess mod, jekk il-protezzjoni temporanja tieqaf dalwaqt u dawn il-persuni

¹¹ Rapport Ad Hoc: Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u l-Ispostament lejn l-UE+: Xejriet, Muturi u Prospetti Futuri (Settembru 2025).

¹² [Ukraine internal displacement report, General population survey, Round 22, January 2026](#)

¹³ Ukraine - Fifth Rapid Damage and Needs Assessment (RDNA5) : February 2022 - December 2025.

¹⁴ Ukraine Humanitarian Needs and Response Plan 2026 (January 2026) [EN/UK].

kollha jitolbu protezzjoni internazzjonali fl-istess ħin, jibqa' jeżisti r-riskju għall-operat effiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-ażil.

Minħabba l-iżviluppi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li bħalissa r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja għadhom jeżistu u li l-protezzjoni temporanja għalhekk jenħtieġ li tiġi estiża bħala rispons meħtieġ u xieraq għas-sitwazzjoni attwali. Jenħtieġ li l-estensjoni tiġi adottata malajr kemm jista' jkun u għal sena oħra, jiġifieri għall-perjodu mill-5 ta' Marzu 2027 sal-4 ta' Marzu 2028, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Dan biex jiġi żgurat li l-persuni spostati mill-Ukrajna u ospitati fl-Istati Membri tal-UE jingħataw kemm jista' jkun stabbiltà u prospettivi fiċ-ċirkostanzi kurrenti.

Dan huwa konformi mal-impenn tal-Unjoni li tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u l-appoġġ tagħha għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali. Jekk iċ-ċirkostanzi li waslu għall-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jieqfu jeżistu qabel l-4 ta' Marzu 2028, il-Kummissjoni Ewropea tista' f'każ bħal dan tippreżenta lill-Kunsill proposta skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kunsill itemm il-protezzjoni temporanja permezz ta' Deċiżjoni adottata b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, li għandha teżamina wkoll kwalunkwe talba minn Stat Membru biex jissottometti proposta lill-Kunsill. Tali Deċiżjoni tal-Kunsill ikollha tkun ibbażata fuq l-istabbiliment tal-fatt li s-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini hija tali li tippermetti r-ritorn sikur u dejjiemi ta' dawk li ngħataw protezzjoni temporanja, bir-rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet u l-obbligi tal-Istati Membri rigward in-*non-refoulement*.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jwettqu fil-ħin il-passi amministrattivi u legali meħtieġa (bħat-tiġdid tal-permessi ta' residenza) biex iħejju għall-estensjoni tal-protezzjoni temporanja.

Jenħtieġ li l-estensjoni ulterjuri tal-protezzjoni temporanja ma ddgħajjifx il-kapaċità ġenerali leġittima tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha.

L-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna ġie ssottolinjat b'mod konsistenti f'diversi okkażjonijiet mill-Kunsill Ewropew, filwaqt li afferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu sod u konsistenti għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, kif ukoll l-impenn tal-Unjoni li tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew appoġġa paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali u mirfuda minn garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, filwaqt li enfasizza li huwa kritiku li jiġi żgurat li l-Ukrajna jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled u tiskoraġġixxi l-aggressjoni tar-Russja.

Bħala parti mir-rispons tal-Unjoni għall-kriżi, ġiet introdotta protezzjoni temporanja. Il-protezzjoni temporanja, madankollu, mhijiex assoluta. Hija proċedura ta' karattru eċċezzjonali li tista' tapplika għal gruppi speċifiċi ta' persuni identifikati f'Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva. Fl-istess ħin, id-Direttiva tipprevedi l-possibbiltà li persuni jiġu esklużi mill-protezzjoni temporanja, abbażi ta' kriterji oġġettivi determinati.

F'dan il-kuntest, il-ħtiġijiet militari tal-Ukrajna biex tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra illegali ta' aggressjoni Russa u b'mod partikolari l-obbligi ta' lieva kif definiti b'mod leġittimu mill-Ukrajna fl-ordni legali tagħha jenħtieġ li jitqiesu bis-siġħ filwaqt li fl-istess ħin jingħata appoġġ siġħ lill-persuni spostati mill-Ukrajna permezz tal-protezzjoni temporanja.

Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni tapplika l-protezzjoni temporanja b'mod li jiżgura l-kapaċità ġenerali tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha bl-aħjar mod kontra l-gwerra illegali ta' aggressjoni Russa u li tiddeċiedi liberament dwar l-organizzazzjoni tal-forzi tad-difiża tagħha.

Għalhekk, filwaqt li l-protezzjoni tal-persuni spostati mill-Ukrajna li huma fil-bżonn tibqa' prijorità, il-protezzjoni temporanja ma għandhiex tingħata bħala regola lil persuni li jitolqu mill-Ukrajna mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u li ma jistgħux jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet nazzjonali li huma awtorizzati mill-awtoritajiet Ukreni biex jitolqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom.

Waħda mir-raġunijiet biex tiġi attivata l-protezzjoni temporanja kienet li tiġi ppreservata s-sistema tal-ażil tal-Istati Membri billi jitnaqqsu kemm jista' jkun il-formalitajiet fid-dawl ta' influż bil-massa ta' persuni spostati. Huwa importanti li tiġi ppreservata sistema ta' protezzjoni temporanja li tkun faċli biex tiġi applikata u fejn tkun possibbli verifika rapida tal-persuni li jiġu awtorizzati jitolqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom. F'dan il-kuntest, pereżempju, l-awtoritajiet Ukreni qed jiżviluppaw riżerva ta' applikazzjoni ddedikata Reserv+ li tippermetti t-tniżżil u l-istampar ta' dokumenti li jeżentaw mill-obbligi militari.

Bil-ħsieb li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-verifika ta' tali rekwiżiti tapplika biss għal persuni ġodda li jfittxu l-protezzjoni temporanja mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hawn persuni spostati li bbenefikaw minn protezzjoni temporanja issa ilhom fl-UE diversi snin u integraw fis-soċjetajiet ospitanti tagħhom billi tgħallmu l-lingwa, sabu impjieg u daħħlu fis-sistema tal-edukazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li dawn il-persuni jżommu l-istatus ta' protezzjoni temporanja u d-drittijiet li jirriżultaw minnu.

Il-Kummissjoni tfakkar li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja timplika li persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet marbuta mal-istatus fi Stat Membru wieħed fl-istess ħin; għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrifjutaw talbiet għal permess ta' residenza magħmula abbażi tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2001/55 meta jkun jidher li l-persuna kkonċernata tkun diġà kisbet permess ta' residenza fuq dik il-bażi fi Stat Membru ieħor u għalhekk tkun qed tgawdi d-drittijiet marbuta mal-protezzjoni temporanja hemmhekk (ara f'dan ir-rigward il-punt 30 tas-sentenza tal-Qorti (L-Għaxar Awla), il-Kawża C-753/23 [Krasiliva], is-27 ta' Frar 2025).

Għal dan l-għan, kif imfakkar ukoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja¹⁵, jibqa' importanti li d-data tittella' regolarment fil-Pjattaforma ta' Protezzjoni Temporanja, inklużi ċifri ta' reġistrazzjonijiet inattivi, u li jitwettag segwitu rapidu, fejn meħtieġ, f'każ ta' reġistrazzjonijiet doppji.

Il-ħtieġa li tkompli tiġi pprovdata protezzjoni, flimkien mal-possibbiltà li l-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja jgawdu protezzjoni temporanja fl-Istat Membru tal-għażla tagħhom, kellha impatt fuq is-sistemi ta' akkoljenza ta' xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jospitaw għadd kbir ta' persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja, flimkien ukoll mal-impatt li jkollhom ilaħħqu simultanjament ma' għadd kbir ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew ma' nuqqas ta' akkomodazzjoni. F'dan ir-rigward, għall-ġejjieni, huwa importanti li titkompla l-ħidma biex jiġi żgurat bilanċ akbar tal-isforzi fost l-Istati Membri. L-iżgurar tal-awtodipendenza tal-persuni spostati u t-tranżizzjoni tagħhom għal akkomodazzjoni fit-tul mis-sistemi ta' akkoljenza jibqgħu prijorità.

¹⁵ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2025 dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna](#)

Barra minn hekk, b'mod parallel mal-estensjoni tal-protezzjoni temporanja f'konformità ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, jenħtieġ li l-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prijorità, iżidu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja, filwaqt li jimplimentaw soluzzjonijiet fit-tul u sostenibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tranżizzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja lejn status legali ieħor kif ukoll jappoġġaw l-iffaċilitar tar-ritorni volontarji u r-riintegrazzjoni sostenibbli fl-Ukrajna, ladarba s-sitwazzjoni tippermetti dan.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil, peress li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tiffirma parti integrali mis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u kienet prevista li tiffaċċja sitwazzjoni straordinarja ta' influż bil-massa ta' persuni spostati, kif għadu l-każ bħalissa minħabba l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja. Il-proposta hi wkoll kompletament konsistenti mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, imġiegħla miċ-ċirkustanzi, ifittxu protezzjoni fl-Unjoni Ewropea b'mod leġittimu.

L-elementi tal-proposta huma konsistenti wkoll mal-atti legali li jiffurmaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil adottat f'Mejju 2024 u bdew japplikaw f'Ġunju 2026. Il-Parlament u l-Kunsill qablu li jippreservaw id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja bħala parti mis-sett ta' għodod disponibbli għall-UE għal sitwazzjonijiet ta' wasliet tal-massa. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja wriet li hija strument essenzjali biex tiġi pprovduta protezzjoni immedjata fl-UE. F'dan l-istadju, din għadha l-aktar strument xieraq biex jiġi indirizzat l-ispostament ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-ħtieġa li l-Istati Membri jitħallew jipproċessaw applikazzjonijiet potenzjali għall-protezzjoni internazzjonali b'mod ordnat mingħajr ma jegħlbu s-sistemi tal-ażil tagħhom u li jkomplu jipprevedu l-miżuri meħtieġa f'każ ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna li jevitaw li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jinqabdu fuq sieq waħda. Hija konsistenti wkoll mal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni. Din il-proposta hija wkoll konformi mal-miżuri restrittivi tal-UE u ma' azzjonijiet oħra adottati wkoll b'rispons għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Din il-proposta hija parti minn sett komprensiv ta' azzjonijiet tal-UE li jirrispondu għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati, fid-dawl li r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja jippersistu. Dik id-dispożizzjoni tipprevedi li fejn jippersistu raġunijiet għal protezzjoni temporanja, il-Kunsill jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jestendi dik il-protezzjoni temporanja b'mhux aktar minn sena.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti ċerti setgħat lill-Unjoni Ewropea f'dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jitħaddmu f'konformità mal-

Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-oġġettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaḥqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri wehdedhom u għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jintlaḥqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni Russa għandha impatt fuq l-UE kollha kemm hi. Din intlaqgħet b'rispons mingħajr preċedent u unifikat mill-Unjoni Ewropea. Dan juri li għadha teħtieġ soluzzjonijiet tal-UE u appoġġ mill-UE, kif ukoll koordinazzjoni b'saħħitha fil-livell tal-UE, peress li hemm ħtieġa kontinwa li l-Istati Membri kollha jirrispondu b'mod effettiv għas-sitwazzjoni flimkien u jiżguraw li l-istess standards u sett armonizzat ta' drittijiet jiġu applikati mal-Unjoni kollha għal kważi 4,4 miljun persuna li bħalissa huma ospitati fl-Unjoni. Minbarra l-influss tal-massa eżistenti li għad fadal, ma jistgħux jiġu esklużi aktar wasliet fuq skala kbira minħabba l-volatilità kontinwa tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Huwa ċar li l-azzjonijiet meħuda minn Stati Membri individwali ma jistgħux jindirizzaw b'mod sodisfaċenti l-ħtieġa għal approċċ komuni tal-UE għal dak li jikkostitwixxi b'mod ċar sfida komuni għall-UE kollha.

Approċċ komuni bħal dan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment u jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill proposta, jinkiseb u jiġi kkoordinat aħjar fil-livell tal-Unjoni, kif indikat ukoll mill-Istati Membri nfushom. Għaldaqstant, l-Unjoni trid taġixxi u tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-protezzjoni temporanja hija proċess ta' natura eċċezzjonali u immedjata bi drittijiet armonizzati mal-Unjoni kollha. Ma hemm l-ebda proċess ta' applikazzjoni għal protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali. Għalhekk, il-persuna kkonċernata, meta tippreżenta lilha nnifisha lill-awtoritajiet biex tapprofitta mid-drittijiet marbuta mal-protezzjoni temporanja jew mal-protezzjoni adegwata, ikollha turi biss in-nazzjonalità tagħha, l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali jew ekwivalenti tagħha, ir-residenza fl-Ukrajna jew ir-rabta familjari kif xieraq. Id-dritt għal protezzjoni temporanja huwa immedjat iżda mhux assolut kif jindikaw diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni rekwiżit ta' verifika komuni li jiżgura li l-Istati Membri jseguw approċċ operazzjonali kkoordinat meta jivvalutaw talbiet ġodda biex isir użu mid-drittijiet assoċjati mal-protezzjoni temporanja, u b'hekk jipprevjenu l-frammentazzjoni u jippreservaw l-integrità tar-reġim ta' protezzjoni temporanja.

Bil-ħsieb li jkun jista' jsir proċess li jnaqqas kemm jista' jkun il-formalitajiet u ma joħloqx piż amministrattiv fuq l-amministrazzjoni nazzjonali, il-verifika, fejn applikabbli fil-liġi Ukrena, li l-persuni kkonċernati jingħataw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni li tikkonferma li qed jitolqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom jenħtieġ li titqies bħala evidenza suffiċjenti biex jintwera l-intitolament għal protezzjoni temporanja.

• **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill proposta tipprevedi estensjoni tal-protezzjoni temporanja għal perjodu limitat ta' żmien, jiġifieri għal sena għall-grupp speċifiku ta' persuni li għalihom diġà tapplika.

Il-miżura proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ minħabba l-iskala u l-gravità tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, li b'riżultat tagħha, madwar 4,4 miljun persuna spostati li bħalissa huma preżenti fl-Istati Membri tal-UE ma jistgħux jirritornaw lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. Barra minn hekk, din l-estensjoni tikkostitwixxi wkoll rispons proporzjonat fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, peress li l-protezzjoni temporanja pproteġiet is-sistema tal-

ażil tal-Istati Membri milli tkun mgħobbija b'għadd sinifikanti ta' applikazzjonijiet minn persuni li jaslul fl-Istati Membri tal-UE.

Ir-rekwiżit li jiġi vverifikat li l-persuni kkonċernati jingħataw awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni li tikkonferma li qed jitolqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom huwa proporzjonat. Hija limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi evitat li l-ħtieġa kontinwa li tiġi pprovduta protezzjoni temporanja ddgħajjed il-kapaċità ġenerali tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha fid-dawl tal-ħtiġijiet militari tagħha li qed jevolvu. Huwa leġittimu għall-Ukrajna li tistabbilixxi fl-ordni legali tagħha l-obbligi ta' lieva tagħha, inklużi l-esklużjonijiet tagħhom, li jipprevjenu gruppi definiti sew milli jitolqu mill-Ukrajna¹⁶.

Il-verifika li l-persuna tista' titlaq mill-Ukrajna mingħajr ma tikser l-obbligi militari hija mfassla bħala miżura prospettiva mmirata lejn talbiet futuri. Għandha l-għan li ssib bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet tad-difiża tal-Ukrajna u l-ħtieġa għal ċertezza legali u l-preservazzjoni tad-drittijiet u l-aspettattivi leġittimi ta' persuni li diġà jgawdu minn protezzjoni fl-Unjoni.

Barra minn hekk, il-verifika ta' tali rekwiżit ma taffettwax is-setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet għal każ speċifiku u lanqas ma taffettwa d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tfitte protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Filwaqt li d-dritt tal-persuni li jaslul mill-Ukrajna li jfittxu l-ażil jibqa' intatt bħala tali, ir-rifjut li jservu mhuwiex waħdu raġuni valida għall-protezzjoni internazzjonali – ara f'dan il-kuntest il-Gwida Prattika tal-EUAA dwar l-Opinjoni Politika.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jirrikjedi Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex il-protezzjoni temporanja tiġi estiża sa sena meta jippersistu raġunijiet għal protezzjoni temporanja.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJET TAL-IMPATT

- **Tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza**

In-Network tal-Blueprint tal-UE dwar it-Tejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni b'enfasi fuq l-Ukrajna u l-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-Ukrajna¹⁷ jkomplu l-operazzjonijiet tagħhom bl-għan li jipprovdu, rispettivament, għarfien komuni tas-sitwazzjoni tal-implikazzjonijiet migratorji tal-invażjoni Russa fuq skala sħiħa tal-Ukrajna u t-tejjija tal-UE u tal-Istati Membri u rispons koordinat għall-kriżi permezz ta' skambji regolari. F'dan il-kuntest, iż-żieda fit-tejjija ġenerali fil-livell tal-UE, inkluż l-ippjanar ta' kontinġenza, ġiet diskussa fiż-żewġ fora. L-informazzjoni u d-data dwar is-sitwazzjoni attwali u dwar il-movimenti tan-nies qed jinġabru b'mod kostanti. Il-partijiet ikomplu jiddiskutu fil-laqgħat tal-

¹⁶ Skont il-liġi Ukrena, l-irġiel Ukreni fl-età tal-lieva (25-60 sena) u l-irġiel Ukreni li jinsabu fil-lista ta' riżerva (23-25 sena) ma jistgħux jitolqu mill-Ukrajna. L-irġiel Ukreni ta' bejn it-18 u t-22 sena, wara r-rilassament tal-liġi militari Ukrena ta' Awwissu 2025, jitħallew jitolqu mill-Ukrajna, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-irġiel (u n-nisa) li volontarjament iddeċidew li jingħaqdu mal-forzi militari.

¹⁷ Il-Pjattaforma ġiet stabbilita mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tikkordina r-rispons operazzjonali fost l-Istati Membri skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/382. Fost l-oħrajn, tiġbor informazzjoni u teżamina l-ħtiġijiet identifikati fl-Istati Membri u tikkordina s-segwitu operazzjonali b'rispons għal dawn il-ħtiġijiet.

Pjattaforma ta' Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni Temporanja fuq bażi *ad hoc* kif jiżguraw aħjar l-iskambju xieraq ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja u ta' protezzjoni adegwata disponibbli skont il-liġi nazzjonali fost l-Istati Membri, filwaqt li tidentifika reġistrazzjonijiet doppji fl-istess Stat Membru u mal-Istati Membri tal-UE. Fidawl tal-ġhadd sinifikanti ta' tfal u żgħażaġh spostati, dawn l-isforzi qed iqisu dejjem aktar id-data dwar l-integrazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Matul dawn l-aħħar xhur, il-Kummissjoni Ewropea kellha skambji regolari mal-kontropartijiet Ukreni dwar kif tirrikonċilja l-protezzjoni mogħtija lill-poplu tal-Ukrajna mal-ħtiġijiet tad-difiża tal-pajjiż.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea, organizzazzjonijiet bħall-Bank Dinji u n-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-Gvern tal-Ukrajna qed jivvalutaw regolarment is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-Bank Dinji jippubblika rapporti dwar il-Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u tal-Ħtiġijiet tal-Ukrajna¹⁸.

Minn meta faqqgħet il-gwerra, l-IOM ħadmet biex tipprovdi fehim aħjar tas-sitwazzjoni tal-persuni spostati u biex issegwi l-ispostament intern fl-Ukrajna u l-flussi tal-mobbiltà, minbarra l-monitoraġġ permezz ta' sħarriġ tal-intenzjonijiet ta' dawk li qed jaħarbu mill-gwerra u ta' dawk li jaqsmu l-fruntiera lura lejn l-Ukrajna u l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tar-ritorn. L-UNHCR ilu jippubblika regolarment informazzjoni dwar l-intenzjonijiet u l-perspettivi ta' persuni spostati (anke internament) mill-Ukrajna. Sħarriġiet u dokumenti mill-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija hawn fuq jindikaw li s-sitwazzjoni attwali għadha volatili u inċerta, u għalhekk ma tippermettix ritorn taħt kundizzjonijiet sikuri u deġġema. Minn Frar 2026, l-UNHCR jistma li mad-dinja hemm irreġistrati 5,9 miljun persuna li qed jaħarbu mill-Ukrajna¹⁹.

• **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Permezz tan-*Network* tat-*Tħejji*ja għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni u l-awtoritajiet tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà tal-Istati Membri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u l-Aġenziji rilevanti tal-UE, il-Kummissjoni kkonsultat regolarment mal-awtoritajiet Ukreni u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex tiġbor informazzjoni bbażata fuq l-evidenza, filwaqt li żżomm skambji ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonsultat lill-Istati Membri dwar il-futur tal-protezzjoni temporanja lil hinn minn Marzu 2027 f'livell Ministerjali, kif ukoll permezz ta' sensiela ta' laqgħat f'Marzu u Mejju 2026 fil-Komitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (SCIFA) u l-Kunsilliera għall-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni, fejn l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża malajr kemm jista' jkun għal sena addizzjonali biex jinżamm rispons Ewropew komuni.

Fl-aħħar laqgħa tas-SCIFA f'April 2026, l-Istati Membri rrikonoxxew li s-sitwazzjoni volatili attwali ma tippermettix li tintemm il-protezzjoni temporanja. L-Istati Membri ddiskutew ukoll modalitajiet ġodda potenzjali għall-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni temporanja bil-ħsieb li jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni li qed tevolvi u jirrikonċiljaw il-protezzjoni temporanja

¹⁸ Grupp tal-Bank Dinji, "Ukraine Fifth Rapid Damage and Needs Assessment (RDNA5)" (Frar 2022 - Diċembru 2025).

¹⁹ Sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Ukrajna.

mal-ħtiġijiet tad-difiża li qed jevolvu tal-Ukrajna. Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI f'Mejju 2026, l-Istati Membri ddiskutew għażliet għal modalitajiet ġodda relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni temporanja, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa għal applikazzjoni faċli u għal deċiżjoni li għandha tittieħed malajr kemm jista' jkun.

Saru diskussjonijiet paralleli u komplementari fil-Pjattaforma ta' Solidarjetà, fejn il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri esprimew il-ħtieġa li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża għal sena addizzjonali biex jinżamm rispons Ewropew komuni, tiġi pprovduta ċarezza lill-benefiċjarji u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-passi amministrattivi u legali meħtieġa fil-livell nazzjonali (bħat-tiġdid tal-permessi ta' residenza). L-Istati Membri esprimew ukoll il-ħtieġa li jinżamm proċess amministrattiv faċli għall-eliġibbiltà tal-protezzjoni temporanja u l-ħtieġa li jiġi evitat li s-sistemi tal-ażil ma jkunux mgħobbja żżejjed. Il-Ministri għall-Intern urew ukoll appoġġ ġenerali biex il-protezzjoni temporanja tiġi estiża aktar għal sena addizzjonali u biex jiġu kkunsidrati aġġustamenti biex jitqiesu bis-sħiħ il-ħtiġijiet tad-difiża li qed jevolvu tal-Ukrajna fil-Kunsill Informali tal-Affarijiet Interni tal-4 ta' Ġunju.

Il-Kummissjoni kellha wkoll kuntatti regolari mal-awtoritajiet Ukreni biex tiġbor informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fuq il-post. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, il-Kummissjoni kkonsultat lill-UNHCR, li kien qed jivvaluta s-sitwazzjoni u pprova kontribut rilevanti, u wettaq sħarriġ dwar l-intenzjonijiet tal-persuni spostati.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tirrispetta l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-ħtiġijiet ta' finanzjament marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġew akkomodati fil-baġit tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE fil-perjodu 2014-2020 u 2021-2027, b'mod partikolari taħt il-Politika tal-Affarijiet Interni u l-Politika ta' Koeżjoni²⁰.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja b'sena (mill-5 ta' Marzu 2027 sal-4 ta' Marzu 2028) għall-persuni spostati msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif emendata mill-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi li l-protezzjoni temporanja ma għandhiex tingħata bħala regola lil persuni li jtilqu mill-Ukrajna mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u li ma jistgħux jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet nazzjonali li huma awtorizzati mill-awtoritajiet Ukreni biex jtilqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

²⁰ L-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa, l-hekk imsejjaħ pakkett "CARE" (CARE, CARE-plus u Fast-CARE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-protezzjoni temporanja, kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, sal-4 ta' Marzu 2028

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha.

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382² li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, bl-għan li jintroduċi protezzjoni temporanja.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/55/KE, il-protezzjoni temporanja l-ewwel applikat għal perjodu inizjali ta' sena, sal-4 ta' Marzu 2023, u mbagħad għet estiża awtomatikament għal sena addizzjonali sal-4 ta' Marzu 2024.
- (3) Fid-19 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409³ li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 sal-4 ta' Marzu 2025. Fil-25 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1836⁴ li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 sal-4 ta' Marzu 2026. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta'

¹ ĠU L 212, 7.8.2001, p.12, ELI : <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj>.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/382/oj).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2409 tad-19 ta' Ottubru 2023 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2023/2409, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2409/oj).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2024/1836, 3.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1836/oj).

Implimentazzjoni (UE) 2025/1460⁵ li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 sal-4 ta' Marzu 2027.

- (4) Fil-kuntest tal-attivazzjoni tad-Direttiva 2001/55/KE, l-Istati Membri qablu b'mod unanimu f'dikjarazzjoni⁶ magħmula fl-4 ta' Marzu 2022, li ma japplikawx l-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva fir-rigward ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, u li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, sakemm l-Istati Membri ma jaqblux mod ieħor fuq bażi bilaterali.
- (5) Minħabba li persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet marbuta mal-protezzjoni temporanja fi Stat Membru wieħed biss fl-istess ħin, biex jiġi żgurat li dan ikun il-każ, u biex jiġu evitati reġistrazzjonijiet multipli għal protezzjoni temporanja, jenħteġ li l-Istati Membri jirrifjutaw talbiet għal permess ta' residenza magħmula abbażi tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2001/55/KE meta jkun jidher li l-persuna kkonċernata tkun diġà kisbet permess ta' residenza fuq dik il-bażi fi Stat Membru ieħor u għalhekk tkun qed tgawdi d-drittijiet marbuta mal-protezzjoni temporanja hemmhekk, inkluża l-assistenza soċjali. Dan ikun koerenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-753/23⁷ u b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha.
- (6) Biex jiżguraw stampa tas-sitwazzjoni f'waqtha għal finijiet operazzjonali, l-amministrazzjoni koerenti u s-sorveljanza tal-ħruġ tal-permessi ta' residenza, l-Istati Membri jenħteġ li jtellgħu regolarment data preċiża u f'waqtha fil-Pjattaforma ta' Reġistrazzjoni tal-Protezzjoni Temporanja, inklużi ċifri dwar ir-reġistrazzjonijiet inattivi.
- (7) Hemm kważi 4,4 miljun persuna spostata mill-Ukrajna li bħalissa qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni. L-għadd kumplessiv ta' reġistrazzjonijiet ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja baqa' stabbli għal madwar 4,3 miljun, b'xejra kemxejn 'il fuq b'mod ġenerali u bi ftit persuni li jirrapportaw li jmorru lura lejn l-Ukrajna fuq bażi permanenti. Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ma tippermettix ir-ritorn tal-maġġoranza tal-persuni spostati lejn l-Ukrajna f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema. F'Diċembru 2025, l-IOM tat stima ta' 3 712 000 miljun persuna spostata internament (IDPs)⁸ fl-Ukrajna. Tliet kwarti (71 %) tal-IDPs ilhom spostati aktar minn sentejn, u 82 % ilhom spostati aktar minn sena. Is-sehem ta' persuni spostati internament li ilhom spostati għal aktar minn sentejn kien l-ogħla fost il-persuni spostati internament li kienu residenti fil-Punent tal-pajjiż. L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji jagħti stima li madwar 10,8 miljun persuna jeħtieġu assistenza umanitarja urġenti fl-Ukrajna matul l-2026.
- (8) Barra minn hekk, ma jistgħux jiġu esklużi aktar wasliet fuq skala kbira minħabba l-kundizzjonijiet umanitarji diffiċli, volatilità usa' u l-inċertezza tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja, inkluż attakki ripetuti

⁵ [Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2025/1460 tal-15 ta' Ġunju 2025 li testendi l-protezzjoni temporanja introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni \(UE\) 2022/382 \(ĠU L. 2025/1460, 24.7.2025, ELI: \[http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1460/oj\]\(http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1460/oj\)\).](https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/impl/2025/1460/oj)

⁶ Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja – Dikjarazzjoni tal-Istati Membri.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti ta' Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2025, A. N. v Ministerstvo vnitra, C-753/23, ECLI:EU:C:2025:133

⁸ Ukraine Internal Displacement Report - Round 22 (Jannar 2026).

intensifikati mill-ajru mal-pajjiż kontra ċ-ċivili. Ir-riskju ta' eskalazzjoni għadu hemm. Fl-istess ħin, ir-riskju għall-operat effiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-ażil jibqa' jekk il-protezzjoni temporanja kellha tieqaf fi żmien qasir bil-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-istess ħin.

- (9) Peress li l-għadd kbir ta' persuni spostati fl-Unjoni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja x'aktarx li ma jonqosx sakemm tkompli l-gwerra kontra l-Ukrajna, l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja hija meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-persuni li bħalissa qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-Unjoni jew li se jeħtieġu tali protezzjoni mill-5 ta' Marzu 2027, peress li tipprevedi protezzjoni immedjata u aċċess għal sett armonizzat ta' drittijiet filwaqt li tnaqqas il-formalitajiet għall-minimu f'sitwazzjoni ta' influż bil-massa lejn l-Unjoni. L-estensjoni tal-protezzjoni temporanja jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri ma jkunux mgħobbija b'żieda sinifikanti fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jistgħu jiġu ppreżentati minn persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja sal-4 ta' Marzu 2027, li kieku l-protezzjoni temporanja kellha tieqaf sa dak iż-żmien jew minn persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u li jaslu fl-Unjoni wara dik id-data u qabel l-4 ta' Marzu 2028.
- (10) Għalhekk, meta jitqies li r-raġunijiet għall-protezzjoni temporanja jippersistu, jenħtieġ li l-protezzjoni temporanja għall-kategoriji ta' persuni spostati msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tiġi estiża sal-4 ta' Marzu 2028.
- (11) Minkejja l-ħtieġa li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża għal perjodu temporanju ulterjuri ta' sena, huwa importanti li approċċ komuni tal-Unjoni jqis il-ħtiġijiet tad-difiża li qed jevolvu tal-Ukrajna.
- (12) Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew tenna mill-ġdid l-appoġġ sod u konsistenti għall-indipendenza, is-sovraniż u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, kif ukoll l-impenn tal-Unjoni li tkompli tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u l-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew appoġġa paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali u mirfuda minn garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, filwaqt li enfażizza li huwa kritiku li jiġi żgurat li l-Ukrajna jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled u tiskoraġġixxi l-aggressjoni tar-Russja.
- (13) Skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE, ir-reġim ta' protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati jirrappreżenta proċedura ta' natura eċċezzjonali, li tista' tapplika għal gruppi speċifiċi ta' persuni u li, fl-istess ħin, tista' tiddetermina wkoll kriterji oġġettivi għall-esklużjoni, b'rispett sħiħ tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, mid-dritt tal-Unjoni u mid-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, jenħtieġ li persuna ma tiġix ammessa għal protezzjoni temporanja jekk ma tkunx awtorizzata mill-awtoritajiet Ukreni biex titlaq mill-Ukrajna minħabba l-ħtieġa li tikkonforma mal-obbligi militari tagħha.
- (14) Il-ħtiġijiet militari li qed jevolvu tal-Ukrajna biex tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra illegali ta' aggressjoni Russa u b'mod partikolari l-obbligi ta' lieva kif definiti b'mod leġittimu mill-Ukrajna fl-ordni legali tagħha jeħtieġu l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, dawn il-ħtiġijiet jenħtieġ li jitqiesu bis-sħiħ mill-Istati Membri filwaqt li jipprovdu, fl-istess ħin, appoġġ sħiħ lill-persuni spostati mill-Ukrajna permezz tal-protezzjoni temporanja. Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni ma tkomplex tapplika l-protezzjoni temporanja b'mod li, filwaqt li tkun ta' benefiċċju

għall-persuni spostati, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-kapaċità ġenerali tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha bl-aħjar mod kontra l-gwerra illegali ta' aggressjoni Russa u li tiddeċiedi liberament dwar l-organizzazzjoni tal-forzi tad-difiża tagħha.

- (15) Għal dan l-għan, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni temporanja ma għandhiex tingħata bħala regola lil persuni li ma jistgħux jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet nazzjonali li huma awtorizzati mill-awtoritajiet Ukreni, fejn applikabbli fil-liġi Ukrena, biex jitilqu mill-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom. Meta titqies il-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet attwali tad-difiża kif definiti mill-Ukrajna, filwaqt li ma tiġix affettwata s-sitwazzjoni tal-persuni li għalihom diġà tapplika l-protezzjoni temporanja, jenħtieġ li l-verifika ta' tali rekwiżit tibda tapplika għall-persuni spostati mill-Ukrajna mill-jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.
- (16) Id-dritt għal protezzjoni temporanja huwa immedjat. Filwaqt li sabiex jiġu żgurati l-amministrazzjoni u r-reġistrazzjoni xierqa tal-individwu kkonċernat, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jissodisfa ċerti rekwiżiti bħal formola ta' reġistrazzjoni u li jippreżenta evidenza kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382, wieħed mill-oġettivi tal-protezzjoni temporanja huwa li jiġi żgurat proċess rapidu u faċli biex jiġi applikat billi jitnaqqsu kemm jista' jkun il-formalitajiet. Għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw malajr li l-persuna kkonċernata tkun awtorizzata titlaq mit-territorju tal-Ukrajna f'konformità mal-obbligi militari tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu pereżempju jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-dokument li l-awtoritajiet Ukreni jipprovdu permezz tal-applikazzjoni ddedikata Reserv+ li qed tiġi żviluppata mill-Ukrajna, li jikkonferma tali awtorizzazzjoni.
- (17) Fis-16 ta' Settembru 2025, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni⁹ tiegħu dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għal persuni spostati mill-Ukrajna Din l-estensjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fiha, li jenħtieġ li tibqa' prijorità. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jżidu, b'mod koordinat, it-tranżizzjoni ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja għal status legali ieħor kif ukoll ritorni volontarji u riintegrazzjoni meta s-sitwazzjoni tippermetti dan.
- (18) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (19) Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u jtenni l-appoġġ tiegħu għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali u fil-każ ta' waqfien mill-ġlied sostenibbli, il-Kunsill jinsab lest li jaġixxi f'konformità mal-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2001/55/KE.
- (20) L-Irlanda hija marbuta bid-Direttiva 2001/55/KE u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁹

[Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2025 dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, \(ĠU C, C/2025/5129, 23.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5129/oj\)](http://data.europa.eu/eli/C/2025/5129/oj)

- (21) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-protezzjoni temporanja mogħtija lill-persuni spostati mill-Ukrajna msemija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, u estiża bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2409, (UE) 2024/1836 u (UE) 2025/1460 hija estiża għal perjodu ulterjuri ta' sena sal-4 ta' Marzu 2028.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni temporanja f'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1460 jew kif estiża f'konformità mal-Artikolu 1 ma għandhiex tingħata lil persuni li mhumiex konformi mal-obbligi militari tagħhom kif previst fil-liġi Ukrena, u għal dik ir-raġuni mhumiex awtorizzati mill-awtoritajiet Ukreni biex jitolqu mill-Ukrajna.

Dan l-Artikolu ma japplikax għal persuni li diġà jgawdu minn protezzjoni temporanja fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-5 ta' Marzu 2027, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2 li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President